A.L. 212 ta' l-2001

ATT TA' L-2001 DWAR IL-HARSIEN TA' L-AMBJENT

(ATT NRU. XX TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2001 dwar l-Użu ta' Hama fl-Agrikoltura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3, 9 u 28 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar l-Użu ta' Ħama fl-Agrikoltura. Titolu, bidu fis-seħħ u skop.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu ħekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

(3) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu biex jirregola l-użu ta' ħama ġej mid-drenaġġ fl-agrikoltura b'mod li jipprevjeni l-effetti dannużi fuq il-ħamrija, il-veġetazzjoni, l-annimali u l-bniedem, u b'ħekk jinkoraġġixxi l-użu kif imiss ta' ħama li jkun ġej mid-drenaġġ.

2. (1) Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti - Tifsir.

"agrikoltura" tfisser it-tkabbir ta' kull xorta ta' prodott ta' l-ikel li jinbiegħ, inklużi dawk għal finijiet ta' trobbija ta' annimali, u kliem li jixxiehbu għandhom jiftiehmu skond ħekk;

"art agrikola" tfisser qasam art li jintuża għall-agrikoltura;

"awtorità kompetenti" tfisser id-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent taħt id-direzzjoni tad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u tali korp jew persuna oħra li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u korpi jew persuni differenti jistgħu jiġu ħekk imsemmija bħala l-awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"Direttur ta' l-Agrikoltura" tfisser id-Direttur responsabbli għad- Dipartiment ta' l-Agrikoltura u tinkludi kull uffiċjal fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li jaġixxi f'ismu;

"ħama" tfisser:

(i) ħama residwu minn impjanti tad-drenaġġ li jittrattaw ilma domestiku jew urban mormi u minn impjanti tad-drenaġġ oħra li jittrattaw ilma mormi ta' kompożizzjoni simili għal ilma domestiku u urban mormi;

(ii) ħama residwu minn tankijiet settiċi u stallazzjonijiet oħra simili għat-trattament tad-drenaġġ;

(iii) ħama residwu minn impjanti tad-drenaġġ li ma jkunux dawk imsemmija fil-paragrafi (i) u (ii) ta' din it-tifsira;

"ħama industrijali" tfisser ħama mit-trattament ta' ilma industrijali mormi fis-setturi elenkati fl-Anness II;

"ħama minn tank settiku" tfisser ħama minn tankijiet settiċi li jkun fih ħmieġ-il bniedem u ilma domestiku mormi minn abitazzjoni umana waħda jew minn diversi abitazzjonijiet;

"ħama ttrattat" tfisser ħama li jkun għadda minn trattament bijoloġiku, kimiku jew bis-sħana jew minn xi proċess ta' trattament ieħor kontemplat fl-Anness I jew minn kombinazzjoni ta' dawn il-proċessi, hekk li jiġi mnaqqas b'mod sinifikattiv kemm dan jista' jiffermenta u l-perikli għas-saħħa meta dan jintuża;

"ilma domestiku mormi" tfisser ilma mormi minn oqsma residenzjali u servizzi li joriġinaw b'mod predominanti mill-metabolismu tal-bniedem u minn attivitajiet domestiċi;

"ilma urban mormi" tfisser ilma domestiku mormi jew it-taħlita ta' ilma domestiku mormi u ilma industrijali mormi u, jew ilma ġieri tax-xita;

"produttur tal-ħama" tfisser persuna li tmexxi impjant fejn jiġi prodott il-ħama biex jitneħħa;

"it-tabella dwar il-ħama" tfisser it-tabella stipulata fi Skeda 1;

"it-tabella dwar il-ħamrija" tfisser it-tabella stipulata fi Skeda 2;

"użu" tfisser it-tifrix ta' ħama fuq il-ħamrija jew kull applikazzjoni oħra ta' ħama fuq u fil-ħamrija.

(2) F'dawn ir-regolamenti, referenzi għal regolament, Anness jew Skeda enumerati huma referenzi għar-regolament, Anness jew Skeda li jkollhom dak in-numru f'dawn ir-regolamenti.

Projbizzjoni fuq l-użu jew il-provvista ta' ħama.

3. (1) Ħadd m'għandu jikkaġuna jew xjentement jippermetti li jintuża ħama jew li tintuża provvista ta' ħama fuq art agrikola kemm-il darba dan ma jiġix trattat skond dawn ir-regolamenti.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-ħama jiġi ttestjat skond Skeda 1.

(3) Id-Direttur ta' l-Agrikoltura għandu jiżgura li l-ħamrija fuq art agrikola għandha tiġi ttestjata jew stanata skond Skeda 2.

(4) Fuq art agrikola:-

(a) ir-rata medja annwali ta' żjieda ma' l-art permezz tal-ħama ta' xi wieħed mill-elementi elenkati f'kolonna (1) tat-tabella dwar il-ħama fi Skeda 1 m'għandhiex taqbeż il-limitu (fi grammi għal kull ettaru fis-sena) speċifikat f'kolonna (2) tat-tabella; u

(b) il-konċentrazzjoni fil-ħamrija ta' l-elementi elenkati f'kolonna (1) tat-tabella dwar il-ħamrija fi Skeda 2 m'għandhiex taqbeż il-limitu speċifikat f'kolonna (2) tat-tabella; u meta dak il-limitu ma jinqabiżx fil-waqt meta jkun qed jiġi użat, m'għandux jinqabeż minħabba fl-użu.

(5) Il-valur pH tal-ħamrija m'għandux ikun inqas minn 5.

(6) Kull min juża ħama fuq art agrikola għandu jużah b'dak il-mod li jittieħed qies tal-ħtiġiet nutrittivi tal-pjanti u li kemm il-kwalità tal-ħamrija kemm dik ta' l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art ma tkunx mittiefsa.

Prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu wara li jintuża l-ħama.

4. (1) Kull min juża ħama jew ħama minn tank settiku fuq art agrikola, għandu jużah skond din it-tabella li ġejja, liema trattamenti avvanzati u konvenzjonali qegħdin jiġu deskritti fl-Anness I:-

TABELLA

	Trattament avvanzat	**Trattament konvenzjonali**
Art fejn jirgħu l-annimali	Iva	Iva, injettament fil-fond u ebda annimal ma jirgħa fis-sitt ġimgħat ta' wara
Prodotti li jintużaw għall-għalf	Iva	Iva, ebda ġbir ta' prodotti fis-sitt ġimgħat ta' wara t-tferrix
Prodotti minn art li tinħarat	Iva	Iva, injettament fil-fond jew taħrat fil-qiegħ minnufih
Frott u prodotti tal-ħaxix li jmissu ma' l-art	Iva	Le. Ebda ġbir ta' prodotti għal 12-il xahar wara l-applikazzjoni
Frott u prodotti tal-ħaxix li jmissu ma' l-art li jittieklu nejjin	Iva	Le. Ebda ġbir ta' prodotti għal 30 xahar wara l- applikazzjoni
Siġar tal-frott, għelieqi tad-dwieli, oqsma tas-siġar u afforestazzjoni mill-ġdid	Iva	Iva. Injettament fil-fond u ebda aċċess għall-pubbliku fl-10 xhur wara t-tferrix
Parks, green areas, ġonna fl-abitat, kull area urbana fejn il-pubbliku ġenerali jkun jista' jidħol	Iva, biss jekk il-ħama jkun stabbilizzat sew u ma jkollux riħa	Le
Foresti	Le	Le
Art mirbuħa lura	Iva	Iva, ebda aċċess għall-pubbliku fl-10 xhur wara t-tferrix

(2) Meta jkun ġie użat ħama mhux trattat fuq xi art mingħajr ma jkun ġie injettat fil-ħamrija, min ikun jokkupa dik l-art għandu, malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattiku wara dan, jara li dak il-ħama jinħadem fil-ħamrija ta' l-art inkwistjoni.

Informazzjoni li tingħata lill-produttur tal-ħama.

5. Meta xi ħadd, li ma jkunx il-produttur tal-ħama nnifsu jew persuna li taġixxi f'ismu, juża ħama fuq xi art, min ikun jokkupa dik l-art għandu minnufih jipprovdi din l-informazzjoni li ġejja lill-produttur tal-ħama:-

(a) l-indirizz u fejn tkun tinsab l-art agrikola involuta;

(b) id-data meta tkun ġiet użata l-ħama;

(ċ) il-kwantità ta' ħama hekk użata; u

(d) meta l-okkupant ikun uża ħama mhux provvduta mill-produttur tal-ħama, l-isem u l-indirizz tal-persuna li tkun forniet dik il-ħama, u l-kwantità ta' ħama hekk użata li tkun ġiet fornuta minn dik il-persuna.

Reġistru li jinżamm minn produttur tal-ħama.

6. Kull produttur tal-ħama għandu jħejji u jżomm reġistru li jkun fih dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:-

(a) il-kwantità totali ta' ħama prodott fi żmien sena minn meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti u sussegwentement, għal kull sena li tiġi wara;

(b) għar-rigward ta' ħama fornut għall-fini ta' użu fl-agrikoltura fi żmien sena minn meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti u sussegwentement, għal kull sena li tiġi wara:

(i) il-kwantità totali ta' ħama fornuta;

(ii) il-kompożizzjoni u proprjetajiet ta' dak il-ħama kif stabbilit skond Skeda 1;

(iii) il-kwantitajiet ta' ħama ttrattat fornuti u kull għamla ta' trattament mogħti;

(iv) l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni lil min ikun ġie fornut il-ħama; u

(v) l-indirizz u fejn tkun tinsab kull art agrikola li fuqha jkun intuża l-ħama, il-kwantità ta' ħama użat fuqha, u l-

ammont ta' kull wieħed mill-elementi elenkati fit-tabella dwar il-ħama fi Skeda 1 li jkun ġie miżjud mal-ħama;

(ċ) kopja ta' kull analiżi jew stima magħmula taħt Skeda 2.

Għoti ta' tagħrif dwar il-ħama.

7. (1) Produttur tal-ħama għandu jara li r-reġistru li jinżamm taħt ir-regolament 6 jkun disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtorità kompetenti u, jew mid-Direttur ta' l-Agrikoltura b'dik l-informazzjoni jew dawk il-faċilitajiet li dik l-awtorità jew dak id-Direttur jistgħu raġonevolment jeħtieġu konnessi mar-reġistru jew xort'oħra konnessi mal-ħama fornut mill-produttur tal-ħama, inklużi faċilitajiet għall-analiżi ta' kampjuni rappreżentattivi ta' ħama jew ta' ħamrija.

(2) Malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattiku wara li jiġi ttestjat il-ħama skond Skeda 1, il-produttur tal-ħama għandu jipprovdi dettalji ta' l-analiżi magħmula taħt dik l-Iskeda lil kull min il-produttur tal-ħama jkun forna l-ħama.

Reati taħt dawn ir-regolamenti.

8. Persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk:-

(a) tonqos milli tħares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtiega imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlas ta' flus biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tħares xi disposizzjoni tagħhom, inkluża kull ordni mogħtija leġittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtiega imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

Pieni.

9. Kull min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel:

(a) meta jinsab ħati l-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira;

(b) meta jinsab ħati t-tieni darba jew iktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira, jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda meta persuna tinsab ħatja li tkun għamlet reat taħt dawn ir-regolamenti bl-użu ta' vettura, sid dik il-vettura, meta dan ikun japplika, jkun responsabbli bl-istess mod u fl-istess qies:

Iżda wkoll il-qorti għandha tordna lil persuna li tkun insabet ħatja li għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti thallas għall-ispejjeż imġarrba mill-entitajiet pubbliċi u/jew persuni oħra mqabbda minnhom involuti fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u biex tiġi rranġata l-ħsara kkawżata lill-ambjent b'riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-Pulizija u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

10. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 u s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

SKEDA 1

TESTIJIET TA' ĦAMA

1. Kull produttur tal-ħama għandu jiżgura li l-ħama prodott minnu u fornut għall-fini li jintuża fl-agrikoltura jiġi ttestjat skond din l-Iskeda malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattiku wara li jibdew iseħħu dawn ir-regolamenti, u wara dan f'intervalli ta' mhux iżjed minn sitt xhur, u f'kull każ meta jkun hemm bidliet fil-karatteristiċi ta' l-ilma mormi li jkun qed jiġi ttrattat.

2. Għandhom jittieħdu kampjuni rappreżentattivi ta' ħama li jkun se jiġi użat fuq art agrikola, wara l-ipproċessar tal-ħama imma qabel ma jiġi kkunsinnat lill-utent.

3. Kull kampjun jiġi analizzat biex jiġi stabbilit -

(a) il-valur pH tiegħu;

(b) il-kontenut perċentwali ta' sustanza niexfa, sustanza organika, nitroġenu u fosfru; u

(ċ) l-elementi elenkati f'kolonna (1) tat-tabella dwar il-ħama ħawn iktar 'l isfel.

4. Ir-rata medja annwali ta' żjieda msemmija f'regolament 3(4) għandha tkun aċċertata għal kull wieħed mill-elementi fit-tabella dwar il-ħama billi jittieħed l-ammont medju ta' dak l-element fil-ħama użat fuq dik l-art matul perjodu ta' għaxar snin li ntemmu fid-data ta' dak l-użu.

TABELLA DWAR IL-ĦAMA

(1)	(2)	(3)
Element	*Grammi għal kull ettaru fis-sena*	*Limitu ta' osservazzjoni (mg/kg ta' sustanza niexfa)*
ŻINGU	6000	2000
RAM	2400	800
NIKEL	600	200
KADMJU	15	5
ĊOMB	1500	500
MERKURJU	15	5
KROMJU	2400	800

5. L-analiżi meħtieġa sabiex tiġi aċċertata l-konċentrazzjoni ta' metalli msemmija f'paragrafu 3(ċ) ħawn qabel għandha ssir wara diġestjoni qawwija ta' aċidu; il-metodu ta' referenza ta' analiżi jkun dak ta' spettrometru ta' assorbiment atomiku u l-limitu ta' osservazzjoni għal kull metall ma jkunx jeċċedi l-limitu ta' oservazzjoni kif speċifikat f'kolonna (3) fit-tabella dwar il-ħama.

SKEDA 2

TESTIJIET TA' ĦAMRIJA AGRIKOLA

1. Id-Direttur ta' l-Agrikoltura għandu jiżgura li l-ħamrija agrikola tiġi ttestjata jew stmata skond din l-Iskeda.

2. (1) Meta -

(a) jkun ġie użat ħama fuq qasam agrikolu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti; u

(b) jkun hemm disponibbli biżżejjed provi xjentifiċi dwar il-karatteristiċi ta' kull ħamrija tiegħu, u l-ħama użat fuqu, qabel dik id-data;

għandha ssir stima kemm jista'jkun malajr wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti tal-valur pH ta' kull ħamrija f'dik id-data, u l-konċentrazzjonijiet probabbli fil-ħamrija kif ikunu f'dik id-data, ta' -

(i) l-elementi elenkati f'kolonna (1) tat-tabella dwar *il*-ħamrija; u

(ii) l-ħamrija għandha tkun ttestjata mhux aktar tard minn sena minn meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti.

(2) Bla ħsara għal paragrafu (1) t'hawn qabel, il-ħamrija ta' art agrikola għandha tiġi ttestjata –

(a) meta l-ħama jkun biex jiġi użat fuq dik l-art għall-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti,

(b) kemm jista' jkun malajr wara l-għoxrin sena mid-data meta jkun l-aħħar ġiet ttestjata l-ħamrija skond din l-Iskeda; jew

(ċ) meta min jokkupa l-art ikun hekk mitlub jagħmel bil-miktub mid-Direttur ta' l-Agrikoltura, u jkunu għaddew mhux inqas minn ħames snin minn meta l-ħamrija tkun l-aħħar ġiet ttestjata skond din l-Iskeda.

3. Għal kull qasam agrikolu li fuqu jkun se jiġi użat xi ħama, għandu jinkiseb kampjun rappreżentattiv tal-ħamrija bit-taħlit flimkien ta' 25 kampjun ċentrali separat, kull wieħed meħud sa qiegħ il-ħamrija jew 25 ċentimetru, skond liema jkun l-inqas fond.

4. Kull kampjun rappreżentattiv għandu jkun analizzat sabiex jiġi aċċertat -

(a) il-valur pH tal-kampjun;

(b) il-konċentrazzjoni f'dak il-kampjun ta' dawn il-metalli li ġejjin:

(i) l-elementi stipulati fit-tabella dwar il-ħamrija hawn iktar 'l isfel.

5. Għall-fini tar-regolament 3(4), il-limitu ta' konċentrazzjoni ta' elementi speċifikat f'kampjun rappreżentattiv, espress f'milligrammi għal kull kilogramma ta' sustanza niexfa, jinsab stipulat fit-tabella dwar il-ħamrija hawn iktar 'l isfel.

TABELLA DWAR IL-ĦAMRIJA

(1)	(2)		
Element	Limitu (mg/kg ta' sustanza niexfa) Skond pH tal-Ħamrija		
	5.0 < 6.0	6.0 – 7.0	> 7.0
KADMJU	0.5	1	1.5
KROMJU	30	60	100
RAM	20	50	100
MERKURJU	0.1	0.5	1
NIKEL	15	50	70
ĊOMB	70	70	100
ŻINGU	60	150	200

6. Ir-rekwiżit ta' l-analiżi sabiex tiġi aċċertata l-konċentrazzjoni ta' metalli msemmija fil-paragrafu 4(b) ta' din l-Iskeda għandu jsiru wara diġestjoni qawwija ta' aċidu; il-metodu ta' referenza ta' analiżi jkun dak ta' spettrometru ta' assorbiment atomiku, u l-limitu ta' osservazzjoni għal kull metal m'għandux jeċċedi 10% tal-limitu ta' valur adatt fit-tabella dwar il-ħamrija.

Anness I: Proċessi ta' Trattament ta' Ħama

Trattament avvanzat (iġjenizzazzjoni)

– Tinxif termali li jiżgura li t-temperatura tal-partikoli tal-ħama tkun oġħla minn 30°C b'riduzzjoni tal-kontenut ta' l-ilma għal inqas minn 10% u li l-attività ta' l-ilma tinżamm iktar minn 0.90 fl-ewwel siegħa ta' trattament;

– Stabbilizzazzjoni termofilika erobika f'temperatura ta' mill-anqas 55°C għal 20 siegħa bħala lott, mingħajr ebda taħlita jew tneħħija matul it-trattament;

– Diġestjoni termofilika erobika f'temperatura ta' mill-anqas 53°C għal 20 siegħa bħala lott, mingħajr ebda taħlita jew tneħħija matul it-trattament;

– Trattament termali ta' ħama likwidu għal mill-anqas 30 minuta bis-70°C segwit minn diġestjoni mesofilika anerobika f'temperatura ta' 35° b'perjodu ta' ritenzjoni medja ta' 12-il ġurnata;

– Kondizzjonament bil-ġir li jilħaq u jżomm pH ta' 12 jew iżjed għal tliet xhur.

Il-proċess għandu fil-bidu jkun validat b'riduzzjoni ta' 6 Log_{10} ta' organism li jsir test fuqu bħalma hi *Salmonella Senftenberg W 775*.

Il-ħama ttrattat m'għandux ikun fih *Salmonella spp* f'50g (piż niedi) u t-trattament mill-anqas jikseb riduzzjoni ta' 6 Log_{10} f'*Escherichia Coli* għal inqas minn 5.10^2 CFU/g.

Trattamenti konvenzjonali

– Stabilizzazzjoni termofilika erobika f'temperatura ta' mill-anqas 55°C b'perjodu medju ta' ritenzjoni ta' 20 ġurnata;

– Diġestjoni termofilika anerobika f'temperatura ta' mill-anqas 53°C b'perjodu medju ta' ritenzjoni ta' 20 ġurnata;

– Kondizzjonament bil-ġir li jiżgura taħlita omoġenea ta' ġir u ħama. It-taħlita għandha tilħaq pH ta' iżjed minn 12 direttament wara l-proċess tal-ġir u żżomm pH ta' mill-anqas 12 għal 24 siegħa;

– Diġestjoni mesofilika anerobika f'temperatura ta' 35°C b'perjodu medju ta' ritenzjoni ta' 15-il ġurnata;

– Tfigħ estiż ta' arja (aerifikazzjoni) f'temperatura ta' l-ambjent bħala lott, mingħajr ebda taħlit jew tneħħija matul il-perjodu ta' trattament (*);

– Stabilizzazzjoni erobika simultanja f'temperatura ta' l-ambjent(*);

– Ħżin f'forma likwida f'temperatura ta' l-ambjent bħala lott, mingħajr taħlit jew tneħħija matul il-perjodu ta' ħżin (*).

It-trattament tal-ħama għandu mill-anqas jikseb riduzzjoni ta' 2 Log_{10} f'*Escherichia Coli*.

– 0 –

Il-parametri ta' proċess rilevanti għandhom ikunu sorveljati mill-anqas ta' kuljum, u preferibilment kontinwament jekk dan ikun prattiku. Għandhom jinżammu *records* u jintgħamlu disponibbli fuq talba ta' l-awtorità kompetenti għal finijiet ta' spezzjoni.

Għandhom jiġu żviluppati *standards* Ewropej bil-għan li jiġu sorveljati dawn il-proċessi ta' trattament. Jekk CEN *standards* ma jkunux disponibbli u sakemm dawn jiġu żviluppati, ikunu japplikaw *standards* ISO, internazzjonali jew nazzjonali.

(*) L-inqas tul ta' żmien tat-trattament għandu jkun stipulat mill-awtorità kompetenti wara li tikkonsidra x'ikunu l-kondizzjonijiet klimatiċi prevalenti fil-lokalità fejn ikun jinsab l-impjant tat-trattament.

Anness II: Setturi Industrijali

Il-Kodiċi fit-tismijiet li ġejjin jirriferixxi għall-Katalogu Ewropew dwar skart addottat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropeja tat-3 ta' Mejju 2000 (hekk kif emendatata) li tibdel id-Deċiżjoni 94/3/EC li tistabilixxi lista ta' skart skond Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill Ewropew 75/442/EEC fuq skart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja 94/904/EC li tistabilixxi lista ta' skart perikoluż skond Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/EEC fuq skart perikoluż.

1. 02 02 04 kull ħama ġej mit-trattament ta' effluwent fuq il-post mill-preparazzjoni u l-ipproċessar ta' laħam, ħut u kull ikel ieħor ġej minn xi annimal

2. 02 03 05 kull ħama ġej mit-trattament ta' effluwent fuq il-post mill-preparazzjoni u l-ipproċessar ta' frott, ħxejjex, ċereali, żjut ta' l-ikel, kawkaw, kafè, [te] u tabakk; produzzjoni ta' ikel konservat; ipproċessar ta' tabakk; [l-industrija tal-ħmira]

3. 02 04 03 kull ħama ġej mit-trattament ta' effluwent fuq il-post mill-ipproċessar ta' zokkor

4. 02 05 02 kull ħama ġej mit-trattament ta' effluwent fuq il-post mill-industrija ta' ħami u dolċerija

5. 02 06 03 kull ħama ġej mit-trattament ta' effluwent fuq il-post mill-industrija ta' ħami u dolċerija

6. 02 07 05 kull ħama ġej mit-trattament ta' effluwent fuq il-post mill-produzzjoni ta' xarbiet alkoholiċi u mhux alkoholiċi (eskluż kafè, te u kakaw)

7. 03 03 06 ħama mill-fibra u l-karta

8. 04 01 06 kull ħama li jkun fih il-kromju u li jkun ġej mill-industrija tal-ġild u l-pil

9. 04 01 07 kull ħama li ma jkunx fih il-kromju u li jkun ġej mill-industrija tal-ġild u l-pil